



Brussell, 16 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14264/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0225(COD)

RECH 487
COMPET 774
IND 345
MI 836
EDUC 423
TELECOM 401
ENER 377
ENV 760
REGIO 120
AGRI 553
TRANS 541
SAN 393
CADREFIN 355
CODEC 1997

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	13532/18
Nru dok. Cion:	9870/18 + ADD 1
Suġġett:	<i>Thejjiġa tal-laqqgħa tal-Kunsill Kompetittività tat-30 ta' Novembru 2018</i> Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027 - Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni <i>- Rapport ta' progress</i>

1. F'Ġunju 2018 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-pakkett Orizzont Ewropa, inkluż il-proposta għal Deċiżjoni dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa¹. Il-Kunsill Kompetittività indirizzat kwistjonijiet ewlenin relatati ma' din il-proposta fil-laqqgħa tiegħu fit-28 ta' Settembru 2018 u pprova orjentament b'rabta mal-kwistjoni tal-bażi legali tal-proposta, dwar l-ippjanar strateġiku u dwar missjonijiet u sħubiji.

¹ dok. 9870/18 + ADD 1

2. Abbażi ta' din l-orjentazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ddiskuta l-kontenut tal-proposta f'diversi laqgħat tiegħu u d-delegazzjonijiet ipprovdew kummenti bil-fomm u bil-miktub, li abbażi tagħhom il-Presidenza hargħet test tal-Presidenza dwar il-Programm Speċifiku² li jirrifletti l-istat tad-diskussjonijiet.

Kwistjonijiet maqbula u pendent

3. Sar progress fid-diskussjonijiet fil-livell tekniku fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet. Madankollu, jeħtiegħ li jsir aktar progress qabel ma tkun tista' tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Kunsill. Hawn taħt tidher ħarsa ġenerali mhux eżawrjenti lejn il-kwistjonijiet ewlenin u l-istat tagħhom fil-livell tekniku.
4. It-test tal-Presidenza jipproponi li l-Programm Speċifiku jiġi bbażata fuq l-Artikolu 182(4) TFUE biss, f'konformità mal-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill³ u l-orjentazzjoni tal-Kunsill. Din il-bidla kienet appoġġata mid-delegazzjonijiet kollha u kienet ikkomplementata minn trasferiment tat-test kollu relatat mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għar-Regolament tal-Programm Qafas. Konsegwentement, id-Deċiżjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.
5. Il-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Settembru 2018 talab ukoll involvement mill-qrib tal-Istati Membri fil-proċess tal-ippjanar strateġiku u li partijiet tal-pjan strateġiku, jiġifieri oqsma tal-missjonijiet u s-sħubiji istituzzjonalizzati għandhom jiġu inklużi fit-test tad-Deċiżjoni, waqt li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni għal partijiet li jifdal tal-pjan strateġiku. Dan huwa rifless fit-test tal-Presidenza b'Artikolu 4a ġdid bħala element bażiku u anness 1 rivedut li jiċċaraw l-involvement tal-Istati Membri fil-proċess. Dan l-approċċ ġie appoġġat mid-delegazzjonijiet, minkejja li bosta delegazzjonijiet enfasizzaw li d-dettalji rigward l-involvement tal-Istati Membri għad iridu jiġu speċifikati u l-annexs 1 ikun irid jiġi emendat kif adatt.

² dok. 13532/18

³ dok. 11422/18

6. Abbażi tad-dokument informali tal-Kummissjoni "Preliminary ideas for areas for Missions and Partnerships in Horizon Europe" u preżentazzjoni mill-Kummissarju Moedas waqt l-ikla informali tal-Ministri għar-Riċerka fil-15 ta' Ottubru 2018, l-oqsma tal-missjonijiet u s-sħubiji istituzzjonalizzati żdiedu mal-anness 1a ġdid, biex b'hekk l-elementi sostantivi tal-pjan strateġiku ġew inkorporati fid-Deċizzjoni. Dan l-approċċ ġie appoġġat mid-delegazzjonijiet. Id-dettalji ta' dan l-anness, madankollu, jeħtieġu aktar kjarifika, inkluż is-sett propost ta' oqsma tal-missjonijiet u s-sħubiji kif ukoll ir-reviżjoni tal-granularità tiegħu. Il-governanza tal-missjonijiet teħtieġ ukoll kjarifika rigward l-istrutturi li għandhom jintużaw u/jew jiġu stabbiliti.
7. Fir-rigward tal-pilastru III, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) bħala struttura ġdida ġie rikonoxxut mill-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet, iżda fadal mistoqsijiet rigward id-dettalji tal-funzjonament u l-modi ta' finanzjament tal-EIC u dawn ser jeħtieġ li jiġu solvuti matul negozjati ulterjuri. Il-parti dwar l-ekosistemi tal-innovazzjoni jeħtieġ li tiġi elaborata aktar biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-attivitajiet possibbli f'dan il-qasam.
8. Id-delegazzjonijiet appoġġaw il-fatt li huma previsti attivitajiet dedikati fil-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka". B'segwitu tal-miżuri addizzjonali li jinsabu fit-test tal-approċċ ġenerali parzjali propost, id-dispożizzjonijiet tal-Programm Speċifiku ser jirrikjedu li jiġu elaborati aktar, b'mod partikolari fir-rigward tat-"Twessigħ tal-parteċipazzjoni u l-kondiviżjoni tal-eċċellenza".
- It-triq 'il quddiem
9. Wara l-Kunsill Kompetittività, il-Presidenza ser tkompli d-diskussjoni dwar is-sustanza tal-Programm Speċifiku bil-ħsieb li jsir l-akbar progress possibbli fil-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill.
10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tal-progress li sar u t-triq 'il quddiem li ġiet proposta u jippreżentaha lill-Kunsill għal-laqgħa tiegħu fit-30 ta' Novembru.